TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 49/14/GB

**Anthony Darmanin**

**vs**

**WJA Multi Utility Centre**

Illum 23 ta' April 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Marzu, 2014 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' disgha u hamsin Ewro (€59.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal 'router', li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'router' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fl-4 ta' Jannar 2013, huwa kien xtara 'router' minghand is-socjeta' ntimata.

Illi huwa kellu jiehu dan ir-'router' lura ghandha ghat-tiswija hames (5) darbiet.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob li jinghata lura dak li hallas meta xtara l-imsemmi 'router'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent kien xtara 'router' minghandha, u huwa minnu illi hadu lura ghat-tiswija hames (5) darbiet.

Ir-'router' kien gie msewwi erbgha (4) darbiet, pero' kull darba kien irrizulta li r-'router' kien gie ddanneggjat minhabba uzu hazin.

Il-hames darba, ir-rikorrent kien mar ghandha u lmenta li kull darba huwa kien qed juza r-'router' ghal biss nofs siegha, wara liema, dejjem kellu jiehdu lura ghandha ghat-tiswija.

Is-socjeta' ntimata hija 100% certa illi d-difett huwa kkawzat minn uzu hazin u minhabba uzu mhux skond l-ispecificazzjonijiet tieghu, u ghalhekk hija ma tistax issewwieh a spejjez taghha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa erbgha (4) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.AD1 sa Dok.AD4.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett li ntwera da parte tas-socjeta' ntimata lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, jikkummenta illi ma jistax ikun li kwalunkwe xorta mixtrija tittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta, erbgha u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Illi, is-socjeta' ntimata debitament notifikata u msejjha tliet darbiet baqghet ma dehritx u ghalhekk, hlief ghar-risposta bil-miktub, liema risposta kienet wahda fjakka illi kellha bzonn diversi kjarifiki, is-socjeta' ntimata ghazlet illi ma tiddefendix il-pozizzjoni taghha quddiem dan it-Tribunal. Illi ghalhekk u wara li ra l-provi li ngabu quddiemu, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura r-'router' difettuz in kwistjoni, u thallas l-ammont ta' disgha u hamsin Ewro (€59.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**